**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 124/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur R. D'Anastas )**

**Vs**

**ALFRED SULTANA**

**Illum, 2 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Alfred Sultana talli fil-21 t'April, 2001, bejn it-3.30 p.m. u l-4.00 p.m., f'Ta' L-Ibragg, fl-ghalqa ta'Biddieqa/Ta'Haxixa, ingurja jew hedded lill-Francis Borg bil-kliem.

Il-Qorti giet mitluba li sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta'Francis Borg sabiex tinzamm il-buon ordni pubblika, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess Alfred Sultana b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta'somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza moghtija fit-13 ta'Gunju, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Alfred Sultana hati ta' din l-akkuza w kkundannatu ghall-Lm20 ammenda, kif ukoll, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 383 (1) tal-Kap. 9, rabtitu b'obbligazzjoni personali tieghu ta'Lm100 sabiex b'ebda mod ma jimmolesta lill-Francis Borg ghal zmien sena.

Rat ir-rikors t'appell ta'Alfred Sultana datat 25 ta'Gunju, 2001, li bih talab li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata w b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda prodotti bil-gurament.

Rat il-provi, d-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi fil-fehma ta' l-appellant, l-ewwel Qorti qatt ma setghet ragjonevolment u legalment tasal sabiex issib htija fih ghaliex dan hu kaz klassiku fejn hemm zewg verzjonijiet konflingenti tal-fatti. Skond hu, dawn il-fatti certament kellhom jnisslu fl-ewwel Qorti d-dubju ragjonevoli w b'hekk ma ssibx htija fih.

Bazikament dan hu l-aggravju ta' l-appellant, li, allura, ifisser li din hi kollha kemm hi kwistjoni ta' apprezzament tal-provi.

Issa mill-provi li semghet din il-Qorti, u li ghandha tahseb li huma sostanzjalment l-istess provi li semghet l-ewwel Qorti, ma ssib xejn u ebda raguni valida skond il-ligi sabiex tasal biex tghid li l-ewwel Qorti kienet ghamlet xi apprezzament tal-provi manifestament hazin b'konsegwenzi daqstant hziena. Il-funzjoni ta' din il-Qorti ta'Appell Kriminali hi purament dik ta' revizjoni

w, ghalhekk, mhiex il-funzjoni taghha li tirrimpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet hi ghal dak ta' l-ewwel Qorti. Il-funzjoni taghha hi li tara jekk in bazi tal-provi, l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal dawk il-konkluzzjonijiet li fil-fatt waslet ghalihom.

Ghalhekk, mill-apprezzament ta' dawn il-provi li sar minn din il-Qorti ta'Revizjoni, hi ma ssib ebda raguni valida legalment ghaliex ghandha b'xi mod tvarja d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'dan l-apprezzament tal-provi. L-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed regolari, skond il-ligi w li, allura, setghet tasal sabiex b'mod ragjonevoli w legali tiddeciedi kif iddecidiet. Barra minn hekk, ta' min ifakkar ukoll, li kuntrarjament ghal dak li qed jghid l-appellant fl-aggravju tieghu, mhux kull konflingenza ta'provi li tghati lok ghal verzjonijiet differenti tal-fatti necessarjament jew dejjem ghandha twassal lill-Qorti ghad-dubju ragjonevoli. Il-Qorti, rinfaccjatha b'verzjonijiet konflingenti tal-fatti ghandha, ghalhekk, taghmel l-apprezzament tax-xhieda w tal-provi kollha skond il-ligi sabiex tara liema verzjoni sejra taccetta, u hu biss wara li tkun ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghax id-dubju ragjonevoli fiha jew le.

Ghalhekk l-appell ta'Alfred Sultana huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha nkluz kull ordni moghti mill-ewwel Qorti.

Aldo Testone

Deputat Registratur